

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Diċembru 2007 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Regeringsträtten, l-Iżvezja) — Skatteverket vs A

(Kawża C-101/05) ⁽¹⁾

(Moviment liberu tal-kapital — Restrizzjoni fuq il-moviment ta' kapital bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi — Taxxa fuq id-dħul minn kapital — Dividendi rċevuti minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru taż-ŻEE — Eżenzjoni — Dividendi rċevuti minn kumpannija stabbilita f'pajjiż terz — Eżenzjoni suġġetta għall-eżistenza ta' konvenzjoni fiskali li ttiprovdi għal skambju ta' informazzjoni — Effettività tal-kontrolli fiskali)

(2008/C 51/09)

Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż

Qorti tar-rinviju

Regeringsrätten

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Skatteverket

Konvenuta: A

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Regeringsrätten — Interpretazzjoni ta' l-Artikoli 56 KE u 58 KE — Tassazzjoni, imposta fuq persuna taxxabli residenti fi Stat Membru, ta' dividendi mqasma minn kumpannija stabbilita fi Stat terz — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-eżenzjoni mit-taxxa ta' dividendi bħal dawn għall-eżistenza ta' konvenzjoni fiskali ma' l-Istat terz li tkun tinkludi klawżola dwar l-iskambju ta' informazzjoni.

Dispożittiv

L-Artikoli 56 KE u 58 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul mid-dividendi, imqasma taħt forma ta' azzjonijiet f'kumpannija sussidjarja, tista' tingħata biss jekk il-kumpannija distributtriċi tkun stabbilita fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fi Stat li miegħu tkun ġiet konkluża konvenzjoni li ttiprovdi għall-iskambju ta' informazzjoni ma' l-Istat Membru li jimponi t-taxxa, meta din l-eżenzjoni tkun suġġetta għal kundizzjonijiet li l-ħarsien tagħhom ma jistax jiġi vverifikat mill-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru ħliet billi jiksbu l-informazzjoni mingħand l-Istat fejn tkun stabbilita l-kumpannija distributtriċi.

⁽¹⁾ ĠU C 106, 30.4.2005.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Diċembru 2007 — Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq vs Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

(Kawża C-137/05 P) ⁽¹⁾

(Regolament (KE) Nru 2252/2004 — Passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri — Standards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi — Validità)

(2008/C 51/10)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: C. Jackson u C. Gibbs, aġenti, A. Dashwood, Barrister)

Partijiet intervenjenti in sostenn tar-rikorrenti: L-Irlanda (rappreżentanti: D. O'Hagan, aġent, assistit minn A. Collins, SC, u P. McGarry, BL), ir-Repubblika Slovakkja (rappreżentanti: R. Procházková, J. Čorba u B. Ricziová, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Schutte, R. Szostak u G. Giglio, aġenti)

Partijiet intervenjenti in sostenn tal-konvenut: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: J. Rodriguez Carcamo, aġent), ir-Renju ta' l-Olanda (rappreżentant: H. G. Sevenster, aġent) u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: C. O'Reilly, aġent)

Suġġett

L-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004, tat-13 ta' Diċembru 2004, dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 385, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' fuq huwa ordnat ibati l-ispejjeż.
- 3) Ir-Renju ta' Spanja, l-Irlanda, ir-Renju ta' l-Olanda u r-Repubblika Slovakkja, kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 132, 28.5.2005.